MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 325/1999/1

**Anthony Fabri ghal Untours Insurance Agency Limited u din ghal Qatar Insurance Company bhala surrugati fid-drittijiet ta' Johanna Borg u l-istess Johanna Borg**

**vs**

**Mark Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremetterw:

Illi fl-10 ta' Gunju 1998 waqt li Johanna Borg kienet issuq il-car Opel Corsa numru DAV 645 fil-Hamrun din sfat involuta f'habta mal-car Fiat numru LAH 331 u imbghad

imbuttatha fuq il-vettura bowser Volvo numru MLG 002 u garrbet hsarat kbar;

Billi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan injora s-sejha tal-istanti ghall hlas tad-danni;

Billi minhabba comprehensive policy of insurance favur Johanna Borg, Anthony Fabri noe kellu jaghmel garanti ghad-danni mgarrba mill-assikurata tieghu hlief ghall-ewwel Lm25 u hallas elfejn tlett mija u lira maltin u tlieta u sebgin centezmu (Lm2301.73);

Billi l-istess Johanna Borg inkorriet danni de proprio fl-ammont ta' mija u hmistax il-lira maltin (Lm115);

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident staradli msemmi u ghad danni kollha li b'rizultat tal-istess sofrew l-atturi, li jigu likwidati d-danni fl-ammont ta' Lm2301.73 in kwantu ghal Anthony Fabri noe u Lm115 in kwantu ghal Johanna Borg jew f'somma verjuri u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-atturi l-ammonti likwidati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie ecepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident u kwistjoni gara tort tal-attrici Johanna Borg li kienet qed issuq il-vettura numru DAV 645;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attrici Joanna Borg u x-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet lill-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fl-10 ta’ Gunju 1998 go Qormi Road Hamrun sehh incident stradali li fih kien hemm involuti l-attrici Johanna Borg, li kienet issuq il-car Opel Corsa numru DAV 645, u l-konvenut li kien qed isuq il-karozza Fiat numru LAH 331. Jirrizulta li mal-habta l-imsemmija vetura misjuqa mill-attrici Borg giet imbuttata fuq il-vettura bowser Volvo numru MLG 002, li kienet gejja mill-faccata. Jirrizulta ukoll li l-attrici Johanna Borg kienet qed issuq fid-direzzjoni tal-Hamrun u kienet qed issuq qrib ic-centre strip fuq il-lemin taghha. L-attrici naqset il-velocita’ taghha u ndikat li riedet tikser fuq il-lemin. Dak il-hin il-konvenut, li kien gej bil-vettura tieghu mill-istess direzzjoni tal-attrici, baqa diehel fuq in-naha ta’ wara tal-istess karozza tal-attrici;

Jirrizulta ukoll li l-imsemmija karozza tal-attrici Borg kienet assikurata mas-socjeta assikuratrici attrici taht polza “comprehensive” u ghalhekk l-istess socjeta attrici kellu taghmel tajjeb ghad-danni mgarrba fl-istess karozza tal-attrici fl-ammont ta’ elfejn tlett mija u lira maltin u tlieta u sebgin centezmu (Lm2301.73). Inoltre l-istess attrici Borg harget l-ewwel hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25) bhala excess u harget ukoll disghin liri maltin (Lm90) ghal kiri ta karozza u ghalhekk inkorriet danni ulterjuri fl-ammont komplessiv ta’ mija u hmistax il-lira maltin (Lm115);

L-atturi jippretendu li l-konvenut ghandu jigi ritenut unilkament responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsekwenzjali. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u ghad danni kollha li b’rizultat tal-istess sofrew l-atturi.

Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati d-danni fl-ammont ta’ Lm2301.73 in kwantu dovuti lis-socjeta attrici assikuratrici u Lm115 in kwantu dovuti lill-attrici Borg u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-atturi l-ammonti hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut jeccepixxi li l-incident u kwistjoni gara tort tal-attrici Johanna Borg. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li l-attrici Borg naqset li tindika l-intenzjoni taghha li kienet ser iddur fuq il-lemin taghha;

Fl-opinjoni tal-Qorti l-versjoni tal-attrici Borg hi kredibbli u hi aktar verosimili minn dik li joffri l-konvenut;

L-attrici da parti taghha kkonfermat li riedet iddur fuq il-lemin taghha biex tidhol go triq laterali. Ghalhekk l-attrici riedet iddur mas-centre strip. Naqset il-velocita’ u tat indikazjoni li riedet iddur fuq il-lemin taghha. L-attrici tikkonferma li ghamlet l-indicator u sussegwentement waqfet. Dak il-hin li kienet wieqfa il-konvenut baqa diehel bil-karozza li kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin ta’ wara tal-karozza tal-attrici;

Il-konvenut jikkonferma li kien qed isewgwi l-karozza misjuqa mill-attrici Borg. F’daqqa wahda l-istess attrici qabdet u daret fejn tispicca ic-centre strip. Ghalhekk huwa baqa diehel fuq l-istess karozza tal-attrici;

Il-konvenut jikkonferma ukoll li l-attrici ma tat ebda indikazzjoni li kienet ser tmur fuq in-naha tal-lemin taghha. Inoltre l-konvenut jghid li ttanta jiskapula l-karozza tal-attrici u ukoll ghafas il-brake pero ghall xejn u xorta wahda sehhet il-habta. Il-konvenut jghid li l-attrici bdiet iddur fuq il-lemin taghha minghajr ma waqfet u dak il-hin kien il’boghod minha t-tul ta' karozza u nofs. L-attrici f’daqqa wahda ukoll waqfet u dak il-hin il-konvenut baqa diehel fuq il-karozza tal-attrici. Il-konvenu jghid li huwa ma rahx gej il-bowser mid-direzzjoni opposta;

Din l-ahhar affermazzjoni tal-konvenut hi inverosimili u tista ukoll ifisser li l-konvenut ma kienx attent ghal dak kollu li kien qed jigri.  Ghalhekk il-konvenut ma zammx “a proper look out”. Dan jista ukoll jammonta ghal aljenazzjoni minn naha tal-konvenut jew nuqqas ta’ attenzjoni shieha dejjem da parti tal-konvenut. Ma jirrizultax li f’xi hin l-attrici kisret minn quddiem il-konvenut jew b’xi mod imbulukkatlu l-passagg tieghu.  Jirrizulta ukoll li l-konvenut ma rnexxilux jieqaf skond it-tul li l-istess konvenut jghid li kien hemm mill-karozza tal-attrici. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut ma zammx “a safe distance” mill-vettura ta’ quddiem u cioe’ mill-vettura tal-attrici. Inoltre jirrizulta li l-konvenut ftit wara li sehh l-incident stqarr mas-surgent tal-pulizija li hu accidentalment kien baqa diehel fil-karozza tal-attrici;

Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni in kwestjoni, l-ammonti indikati fic-citazzjoni jirrizultaw sufficjentement pruvati. L-ammont pretiz mill-attrici Borg ghar-rigward tal-kiri tal-karozza jirrizulta li hu ragjonevoli u dana tenut kont ukoll tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz;

Fid-dawl ta dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall kollizzjoni in kwestjoni u ghad-danni kollha sofferti mil-atturi bhala konsegwenza tal-istess incident. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati, filwaqt li d-domandi attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u ghad danni kollha li b’rizultat tal-istess sofrew l-atturi, tillikwida dawn id-danni in kwantu ghall-ammont ta’ elfejn tlett mija u lira maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm2301.73) dovuti lis-socjeta

attrici assikuratrici u in kwantu ghall-ammont ta’ mija u hmistax il-liri flus maltin (Lm115) dovuti lll-attrici Johanna Borg u tikundanna l-konvenut ihallas l-imsemmija ammonti ta’ Lm2301.73 u Lm115 lis-socjeta attrici u lill-attrici rispettivament u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------